MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Joanna Mifsud ta' 26 sena, bint Philip u Grace nee Agius, imwielda Pieta' fis-7 t'Ottubru, 1977 u residenti Numru 18, O'Canada, Triq Espedito Catania, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 529377(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Joanna Mifsud li giet akkuzata talli f'dawn il-gzejjer fl-4 ta' Settembru, 2003 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku mad-Dipartiment tas-Sahha, illi, ghal xi vantagg privat taghha ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impieg taghha, jew serqithom, u cioe hadet diversi oggetti propjeta' tal-Isptar San Luqa dan bi ksur ta' l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

(b) xtrat jew b'xi mod iehor irceviet minghand persuna ohra jew instab li kellha fil-pussess taghha xi oggett li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oggett huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, jew oggett illi l-pussessur tieghu kienet taf li huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorita' kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wiehed jista' jiddisponi minnhom, u naqset li taghti kont sodisfacenti ta' kif l-oggetti jew il-haga jkunu gew ghandha u cioe nstab li kellha fil-pussess u taht il-kontroll taghha, bhala nurse fil-grad ta' SN fid-Dipartiment ta' l-Emergenza tal-Isptar San Luqa, diversi oggetti tad-Dipartiment tas-Sahha, liema oggetti gew fil-pussess taghha minghajr awtorizzazzjoni mill-istess dipartiment, dan bi ksur ta' l-Artikolu 290 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

(c) Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet je biddelt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe iffalsifikat dokumenti tad-Dipartiment tas-Sahha, dan bi ksru ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d) Xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, msemmija fl-imputazzjoni (c) bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
(e) Sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nnifisha jew ghal haddiehor, f'xi dokumnet mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
(f) Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, mad-Dipartiment tas-Sahha, b'abbuz tal-kariga jew impieg taghha, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, bi ksur ta' l-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
(g) Talli meta xi persuna tkun tinhtieg li tintbaghat fi sptar tal-Gvern bhala in-patient jew out-patient barra mill-kaz ta' dhul obbligatorju taht id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Sahha Mentali, tat dawk il-partikolaritajiet medici u ohrajn dwar il-pazjent fuq dik il-formola kif il-Ministru responsabbli ghas-sahha pubblika jista' minn zmien ghal zmien jippreskrivi b'regolamenti u dan ghamlitu minghajr ma kienet koperta b'licenzja minn Awtorita' kompetenti, dan bi ksur ta' l-Artikolu 7(1)(g) u l-Artikolu 119(2) tal-Kap 31 dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha.

Rat l-akkuzi kif dedott kontra Joanne Mifsud.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputata anke wara li giet moghtija d-debita twissija.

Semghet id-debita trattazzjonijiet, semghet ukoll illi l-imputata kkoperat totalment mal-Pulizija kif ukoll li hi lesta anke tixhed f'kawzi ohra fejn hemm persuni ohra mressqa relatati ma' dan ir-reat.

Rat ukoll il-fedina penali taghha li hija kompletament netta.

Illi in vista ta' l-ammissjoni qed issibha hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha u dan wara li rat l-artikoli 27, 290, 183, 184, 188, 17 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 7 u 119 tal-Kap 31. Dwar il-piena kkonsidrat is-serjeta' tar-reati li

taghhom instabet hatja Joanne Mifsud, anke l-import tal-piena ghal tali reati. Ikkonsidrat f'dan ir-rigward l-eta' ta' l-istess Mifsud kif ukoll il-professjoni taghha u l-mod kif skond ix-xhieda prodotti mid-Difiza hi tagixxi fl-istess. Illi ghal dan kollu premess din il-Qorti tqis li Mifsud ma haqqhiex piena karcerarja u ghalhekk qeghda tapplika l-art 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tillibera lil Joanne Mifsud bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tliet (3) snin mil-llum.

Il-Qorti spjegat lil Joanne Mifsud l-import u sinifikat ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Tordna l-konfiska ta' dak kollu esebit quddiemha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------